MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 256/2003

**Image Systems Ltd**

**Vs**

**Distinct Group Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, erba' mija, hamsa u sittin Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm4,465.62). rapprezentanti kera ta' 'xerox equipment' u prezz ta' supplies' lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata tnejn (2) t'April 2003 u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Lulju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4465.62,0 bl-imghax legali mit-tnejn (2) ta' April 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' April 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------